## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Novembru 2001**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 980/98 fl-ismijiet:**

**Maria Theresa sive Marthese Zahra**

**vs**

**Awtorita' tal-Ippjanar**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Maria Theresa sive Marthese Zahra fejn gie premess :-

Illi b-rikors pprezentat fit-23 ta' Marzu 1998 wara l-hinijiet legali, l-esponenti talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' intimata, sabiex l-istess Awtorita' tigi inibita milli twaqqa' jew tiddemolixxi kwalsiasi zvilupp, proprjeta' tar-rikorrenti, li jista' jinsab fuq is-sit, proprjeta' tal-istess rikorrenti u ta' zewgha Edward Zahra, li tinsab fil-limiti tal-Mosta, fil-kontrada "Ta' Venzja" sive "Tac-Cimiterju tal-Inglizi", denominata bhala "L-Ghalqa tas-Saghat";

Illi b'digriet mahrug fl-istess jum, dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament u, filwaqt illi ordnat in-notifika immedjata tar-rikors lill-Awtorita' intimata, b'24 siegha zmien ghar-risposta, irrizervat li tipprovdi fuq l-istess rikors fi stadju ulterjuri.

Illi dalghodu, zewg ir-rikorrenti, Edward Zahra, mar fuq is-sit fejn l-Awtorita' intimata kien bi hsiebha twaqqa' l-izvilupp ezistenti, proprjeta' tar-rikorrenti, sabiex javza lir-rapprezentanti tal-istess Awtorita' intimata bil-hrug tal-mandat provizorju fl-ismijiet fuq premessi u jwaqqaf kwalsiasi demolizzjoni tal-izvilupp hemm ezistenti;

Illi l-imsemmi Edward Zahra ghamel dan wara illi kien accerta ruhu illi l-Marixxal tal-Qorti, Vincent Falzon, kien mar l-ufficju tal-Awtorita' intimata fis-7.15 a.m. u kkonsenja kopja tar-rikors succitat u tad-digriet relattiv ta' dina l-Onorabbli Qorti, f'idejn zewg impjegati tal-istess Awtorita' intimata;

Illi, ghall-habta tas-7.20 a.m., dehru fuq is-sit rapprezentanti tal-Awtorita' intimata, fosthom Joseph Felice, illi kien qieghed jidderigi l-operazzjoni ta' demolizzjoni flimkien ma' haddiema mghammra b'ingenji sabiex iwaqqghu l-izvilupp ezistenti fuq is-sit;

Illi l-imsemmi Edward Zahra laqa' lill-imsemmija rapprezentanti tal-Awtorita' intimata b'kopja tal-imsemmija rikors promutorju u d-digriet relattiv ta' dina l-Onorabbli Qorti u avza lill-imsemmi Joseph Felice illi kopja tal-istess kienu gew ikkonsenjati fl-edificcju tal-Awtorita' intimata dalghodu stess u qabel ma l-istess rapprezentanti tal-Awtorita' intimata kienu waslu fuq is-sit;

Illi, f'dan il-waqt, kienu prezenti fuq is-sit, John Zahra, l-Ispettur tal-Pulizija David Gatt, is-Surgent PS 773 Francis Camilleri, il-Kuntistabbli PC611 Francis Micallef u PC 1547 Francis Gauci, minbarra rapprezenanti ohra tal-Awtorita itimata, fosthom certu Joseph Galea, u l-haddiema illi kienu qeghdin jistennew l-ordnijiet tal-imsemmi Joseph Felice;

Illi minkejja d-dokumenti murija mill-imsemmi Edward Zahra, u l-insistenza tieghu sabiex Joseph Felice jivverifika l-kontenut tal-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti mal-Awtorita' intimata, l-istess Joseph Felice rrifjuta li jaghmel dan u minflok ghazel illi jcempel lill-Avukat tal-Awtorita' intimata, l-Avukat Dottor Anthony Degaetano, fuq il-mobile telephone tal-Avukat u f'cirkostanzi fejn l-Avukat ma kienx ghadu dahal ghax-xoghol l-Awtorita' u lanqas ma seta' possiblment kien fil-pussess, jew ikun konsapevoli, tal-kontenut tal-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, fuq spjegata;

Illi, sorprendentement, u minkejja l-insistenza tal-imsemmi Edward Zahra fis-sens illi Joseph Felice kellu jivverifika l-kontenut tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti mal-Awtorita' stess (u mhux mal-Avukat tal-Awtorita'), l-istess Joseph Felice irrifjuta li jaghmel dan u ddikjara li kien ser joqghod fuq il-parir tal-Avukat sabiex iwaqqa' u jiddemolixxi l-izvilupp ezistenti fuq is-sit fuq deskritt;

Illi, meta ra hekk, l-imsemmi Edward Zahra saq lejn l-Awtorita' sabiex jivverifika ghaliex l-ordni tal-Qorti ma kinitx ghadha giet komunikata lill-imsemmi Joseph Felice sabiex titwaqqaf id-demolizzjoni. Sadanittant nizlet ir-rikorrenti fuq is-sit, sabiex tkun xhud tal-agir illegali u abuziv tal-Awtorita' intimata u tar-rapprezenanti taghha prezenti fuq l-istess sit;

Illi mal-wasla tieghu fil-bini tal-Awtorita', ghall-habta tat-7.45 a.m., l-imsemmi Edward Zahra ikkonferma illi d-digriet relattiv tal-Qorti kien gie debitament notifikat lill-Awtorita' intimata izda gie mgharraf illi l-Awtorita' intimata ma kinetx se twaqqaf id-demolizzjoni jew tavza lil Joseph Felice, bl-ezistenza tad-digriet relattiv ta' dina l-Onorabbli qorti, sakemm ma jasalx l-ufficju l-Avukat fuq imsemmi u jiehu decizjoni wara li jkun ha konjizzjoni tal-imsemmi digriet relattiv.  L-imsemmi Edward Zahra baqa' ghand l-Awtorita' sa madwar it-8.30 a.m. u sa dak il-hin, l-imsemmi Avukat ma kienx ghadu dahal;

Illi, b'rizultat ta' dan kollu, l-Awtorita' intimata esegwiet id-demolizzjoni totali tal-proprjeta' tar-rikorrenti, bi ksur lampanti tal-ordni mahruga minn dina l-Onorabbli Qorti u kontenuta fid-digriet taghha tat-23 ta' Marzu 1998, u minkejja illi l-istess Awtorita' intimata kienet taf bl-ezistenza u l-kontenut tal-istess ordni tal-Qorti;

Illi l-esponenti ssaqsi ghaliex l-Awtorita' intimata imxiet b'pass daqstant mghaggel fl-esekuzzjoni ta' din id-demolizzjoni, konsiderando illi l-istess Awtorita' intimata kienet taf illi l-imsemmi Edward Zahra kien ipprezenta rikors kostituzzjonali kontra l-istess Awtorita' fir-rigward ta' dan l-izvilupp?  Ghaliex Joseph Felice irrifjuta kategorikament illi jivverifika, mal-ufficcju tal-Awtorita' intimata, l-ordni tal-Qorti illi kienet twaqqaf id-demolizzjoni tal-izvilupp tar-rikorrenti u minflok ghazel illi jfittex biss il-parir tal-Avukat tal-Awtorita', meta dan ma kienx ghadu prezenti l-Awtorita'?  Ghaliex l-Awtorita' intimata, illi kienet taf bil-hin u l-iskop tal-operazzjoni li kellha ssir dalghodu fuq l-izvilupp tar-rikorrenti, ma gharrfitx lir-rapprezenanti tal-Awtorita' intimata fuq is-sit, bil-kontenut tad-digriet mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti u debitament notifikat lilha qabel ma nbdiet din l-operazzjoni illegali?  Ghaliex l-Avukat tal-Awtorita' ghazel illi jaghti parir lil Joseph Felice biex ikompli bl-operazzjoni ta' demolizzjoni minghajr ma' vverifika l-ezistenza tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti illi kien gie debitament notifikat lill-Awtorita'?

Illi minn indagini ulterjuri illi ghamlet l-esponenti, sabet illi l-Marixxal tal-Qorti Vincent Falzon kien sahansitra anke ivverifika ma' certa Mrs. Murphy, impjegata mal-Awtorita' intimata, illi kopja tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kien wasal f'idjeha u li l-Awtorita' kienet hadet il-passi mehtiega fir-rigward;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti, illi l-Awotirta' intimata dalghodu agixxiet b'mod sfaccatament illegali u abuziv, b'disprezz lampanti tal-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u tal-ordni Taghha illi twaqqaf id-demolizzjoni tal-izvilupp, proprjeta' tar-rikorrenti, ezistenti fuq is-sit fuq deskritt. L-Awtorita' intimata u l-impjegati taghha, ghazlu minflok illi jinjoraw l-ordni tal-Qorti u komplew bid-distruzzjoni totali tal-proprjeta' tar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti tirrileva finalment illi l-Awtorita', fl-ghaggla sfrenata taghha, ghogobha tagixxi wkoll bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att numru I tal-1992 billi, minflok reggghet is-sit tar-rikorrenti fl-istat pristinu tieghu, kif avzat li kienet ser taghmel skond l-Avviz ta' Twettiq notifikat lil Edward Zahra fit-12 ta' Mejju 1997, u kif allegat li kellha l-poter li taghmel skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att, esegwiet biss id-distruzzjoni totali tal-izvilupp ezistenti fuq is-sit u halliet l-istess zvilupp imfarrak fuq is-sit minghajr ma reggghet l-istess sit fl-istat li kien fih qabel ma sar l-imsemmi zvilupp;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet illi:

1) a tenur tal-artikolu 1003A tal-Kap 12, dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna lir-Registratur tal-Qrati Superjuri sabiex jibda il-procedimenti kollha ikkontemplati mil-Ligi kontra l-Awtorita' intimata sabiex jigi ddikjarat illi l-agir taghha fuq imsemmi jikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti u li hija konsegwentement rrendiet ruhha hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti u sabiex l-istess intimata tigi kkundannata ghal dawk il-pieni kkontemplati mil-Ligi illi jigu imposti fuqha in vista ta' tali disprezz;

2) a tenur tal-artikolu 873 (4) tal-Kap 12, dina l-Onorabbli Qorti tordna u tikkundanna lill-Awtorita' intimata sabiex tirrimedja dak kollu illi ntaghmel mill-istess Awtorita' intimata bi ksur tal-inibizzjoni provvizorja ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Marzu 1998 u dan fit-terminu qasir u perentorju illi jigi stabbilit appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, u f'kaz illi t-terminu hekk stabbilit jghaddi inutilment, tawtorizza lill-esponenti sabiex hija stess tirrimedja l-istess ksur a spejjez tal-Awtorita' intimata u taht dawk il-kundizzjonijiet illi jigu stabbiliti u meqjusa mill-Qorti bhala necessarji ghaz-zamma tal-paci u l-ordni pubblika matul l-esekuzzjoni ta' tali xogholijiet;

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi, kontra l-istess Awtorita' intimata u kif ukoll kontra kull persuna ohra, hawn fuq identifikata, illi ghazlet illi tagixxi kontra l-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, kontenut fid-digriet Taghha tat-23 ta' Marzu 1998, u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess rikorrenti;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn gie sottomess :-

Illi l-istess Awtorita' dejjem irrispettat l-ordnijiet tal-Qorti;

Illi fil-kaz in kwistjoni r-rikorrenta esponiet fatti vera ma' fatti ohra inveritjiera bl-uniku skop li titfa' dell ikrah fuq impjegati ta' l-Awtorita' fil-qadi tad-dmirijiet taghhom;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-incident huma kif gej u l-istess impjegati huma disposta li jahilfu tali fatti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti jekk ikun hemm il-bzonn;

Illi mhux minnu li Edward Zahra mar fuq is-sit in kwistjoni wara li accerta ruhu illi l-Marixxal tal-Qorti kien halla kopja tad-digriet fl-ufficju ta' l-Awtorita';

Tant hu hekk li l-istess Joseph Felice is-Senior Enforcement Office li kien qed jidderiegi t-twaqqiegh gie muri madwar is-7.00 a.m. kopja tar-rikors ta' Edward Zahra mill-istess Edward Zahra. Dan prova jkkontactja lill-Awtorita' u meta ma rnexxilux cempel fuq it-telephone privat tad-dar ta' l-avukat ta' l-istess Awtorita'. Lill-istess avukat inqralu r-rikors kollu u meta gie accertat li dan kien biss rikors ta' l-applikant u ma kellu xejn bil-miktub mill-Qorti jew ittajpjat mill-Qorti u lanqas timbri tal-Qorti, l-istess avukat ivverifika kmieni filghodu li ma kien dahal xejn l-Awtorita' u nforma b'dan lill-istess Joseph Felice. Halla risposta ma' l-istess Joseph Felice illi dan ghandu jieqaf minnufih jekk jigi notifikat b'digriet tal-Qorti mill-marixxal (kif kien fil-fatt sar fl-ewwel rikors ghal mandat mis-sensiela tat-tlieta li kienu saru) jew jekk jigi nfurmat mill-Awtorita' li rceviet xi digriet biex tieqaf. Oltre dan informa lill-impjegata ta' l-istess Awtorita' li qabad filghodu biex jikkontactjaw lil Joseph Felice jekk jigu notifikati b'digriet tal-Qorti;

Certament l-istess Joseph Felice ma kienx obbligat li jieqaf fuq semplici talba ta' Edward Zahra. Iktar u iktar meta (kif jista' jigi accertat fl-atti tal-mandati sussegwenti u cioe 205/98 u 928/98) l-istess Edward Zahra meta l-Awtorita' kienet sejra twaqqa' l-ewwel darba, kien wieghed li ha jwaqqa' hu stess, beda ghat-taparsi jwaqqa' xi ftit u sussegwentement inhareg l-ewwel mandat provvizorjament. Certament l-istess Joseph Felice certament ma kienx ser jemmen lill-istess Edward Zahra meta dan ghamel dikjarazzjonijiet foloz diversi drabi lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar billi ddikjara li l-proprjeta' hi unikament tieghu, billi kiser avviz biex tieqaf u kompla ghaddej bil-bini llegali, billi applika dviersi drabi u ufficini taht l-art ddiskrivihom bhala gibjun. L-istess Joseph Felice kellu quddiemu kif jista' jivverifika hu u l-istess Joseph Farrugia li kien prezenti mieghu (jissemma' li kien prezenti certu Joseph Galea li ghalkemm hu membru ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, qatt ma kien prezenti fuq il-post fejn kien qed isir it-twaqqiegh) kopja biss tat-talba;

Irrizulta illi madwar 7.15 a.m. fil-fatt giet notifikata l-Awtorita' ta' l-Ippjanar billi thalla kopja tar-rikors bid-digriet f'idejn messaggier ta' l-Awtorita'. Din immedjatament ittellghet l-ufficju legali u s-segretarja ppruvat kif ordnata tikkomunika ma' l-istess Joseph Felice pero l-istess ma rnexxiliex taqbad. L-istess ippruvaw jaghmlu mill-Mail Room ta' l-Awtorita' izda inutilment. Assolutament mhux minnu li l-istess impjegati infurmaw lil Edward Zahra li mhux ser icemplu lil Joseph Felice;

Illi kif l-avukat ta' l-Awtorita' wasal l-Awtorita fit-8.15 a.m. u ra d-digriet ipprova jcempel lill-istess impjegati fuq il-post mill-ufficju tad-direttur il-Perit Godwin Cassar minghajr success. F'dak il-mument, cempel l-istess Joseph Felice u biex jinforma li kien kwazi waqqa' kollox. Gie immedjatament ordnat jieqaf u ma jkompli xejn iktar. Fil-fatt kien baqa' xi affarijiet zghar u xi xorok li ghadhom ma twaqqghux u kien baqaghlu jintradam kollox a spejjez ta' l-istess Edward Zahra.

Pero' dan ma sarx minhabba li gie avzat biex jieqaf immedjatament. Illi ma kien hemm assolutament ebda qerq jew disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti min-naha ta' l-impjegati ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u di piu' l-istess inholoq minhabba l-mezzi adottati mill-istess rikorrent ripetutament. Kif l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar giet notifikata bir-rikors, ghamlet il-mezz kollu biex tinforma lill-istess nies li kienu qed iwaqqghu, li waqqfu immedjatament kif ikkuntatjati;

L-uniku ksur lampanti li kien hemm kien:
1. il-bini illegali ta' Edward Zahra;
2. il-ksur ta' l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq ta' Edward Zahra;
3. id-dikjarazzjonijiet foloz ta' Edward Zahra;
4. id-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti da parti r-rikorrent illi ripetutament ma kull cahda ghal rikors ta' mandat ta' inibizzjoni, jerga' jipprezenta iehor biex dan jigi quddiem Qorti ohra li tkun ghadha ma haditx konjizzjoni tal-kaz;

Anki jekk wiehed joqghod fuq l-esekuzzjoni tan-notifika jara li din kellha ssir:
1. l-Awtorita ta' l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, Floriana;
2. St. Joseph Farmhouse, Ta' Vnezja, fil-limiti tal-Mosta;

Minn verifiki li saru wara, l-istess marixxal Vincent Falzon, kif tista' din il-Qorti tikkonstata gie nfurmat biex imur biss jinnotifika l-Furjana u mhux fuq il-post in kwistjoni! Fil-fatt qatt ma giet notifikata fuq il-post fejn kien qed isir it-twaqqigh, apparti li l-istess Vincent Falzon sussegwentement ikkonferma li anki kieku kellu jmur fuq il-post, ma kienx isibu ghax dan kellu jkun H'Attard u mhux il-Mosta. Hi haga ukoll kompletament falza illi l-marixxal Vincent Falzon cempel lil certu Murphy biex jikkonferma l-hin u biex jittiehdu l-passi mehtiega. Fil-fatt verament cempel pero biex jikkonferma mal-istess Murphy tal-Mail Room ta' l-Awtorita' li waslitilha l-mandat, u dak biss gie kkonfermat mill-istess Vincent Falzon;

Ghad-domandi li gew imposti fir-rikors:

1. Ghaliex l-Awtorita imxiet b'passi daqshekk mghaggla, dana mhux minnu. It-twaqqiegh beda fl-24 ta' Jannar 1998 u dak in-nhar ta' meta hareg it-tielet mandat, kien hemm biss xoghol ta' nofs siegha biex jitwaqqa' il-bini u xoghol iehor ta' gurnata biex jintradam kollox u jirripristinaw l-art fl-original taghha. Sakemm l-istess Joseph Felice gie notifikat viva voce bid-digriet tal-Qorti, kienet diga' saret l-ewwel parti u cioe id-demolizzjoni;

2. Illi Joseph Felice ittenta ncempel l-Awtorita' u meta ma qabadx, qabad lill-Avukat ta' l-Awtorita' d-dar li vverifikalu li sa dak il-hin l-Awtorita' kienet ghadha mhux notifikata;

3. Ghat-tielet domanda, fl-ewwel lok kwazi hadd mill-impjegati ta' l-Awtorita' (ghal kwistjoni ta' sigurta') ma jkunu jafu bl-operazzjonijiet ta' twaqqiegh minn qabel. F'dan il-kaz Joseph Felice kien jaf li tnejn li kienu jafu bl-operazzjoni kienu d-direttur, li ma rnexxielux jaqbad u lill-avukat li rnexxielu jaqbad id-dar. Fil-mument li l-Awtorita' giet notifikata, ghamlet hilitha kollha biex taqbad lill-istess Joseph Felice. Mhux talli li l-avukat ta' l-Awtorita' meta cemplulu ma vverifikax. Anzi zamm lill-istess Joseph Felice fuq it-telephone, cempel bit-tieni telephone tad-dar tieghu lill-Awtorita' u vverifika li sa dak il-hin ma kien ghad dahal xejn (u cjoe' ftit qabel it-8.15 a.m). Mar oltre u nforma lin-nies li qabad dak il-hin kmieni filghodu biex jikkontactjaw lil Joseph Felice jekk jircievu xi haga mill-Qorti. Il-parir ta' l-istess avukat ta' l-Awtorita' kien korrett legalment, korrett lejn l-awtorita' tal-Qorti, korrett etikament u korretti moralment (li ma jistax jinghad l-istess fil-konfront tar-rikorrent u zewgha);

L-Awtorita' min-naha taghha tixtieq taghmel dawn id-domandi:

1. Ghaliex ir-rikorrent ghazlu jaghmlu rikors ghal mandati ta' inibizzjoni wiehed wara l-iehor b'ilmenti godda kull darba, minflok ma ghamluhomx f'rikors wiehed? Ghaliex f'dan it-tieni rikors ir-rikorrenti ma nsistietx li l-esekuzzjoni tan-notifika ssir ukoll fejn qed isir it-twaqqiegh? Ghaliex inghata l-indirizz hazin fir-rikors tas-sit fejn kellu jsir it-twaqqiegh u cjoe' Mosta minflok H'Attard? Ghaliex ir-rikorrenta kellha mobile f'idjeha waqt li kienet fuq il-post tat-twaqqiegh u cemplet lil zewgha fuq il-mobile tieghu li kien l-Awtorita' biss wara t-8.15 a.m. u dana ghaddieh lil wahda mill-impjegati ta' l-Awtorita' biex tavza li kien twaqqa' kollox? Ghaliex ir-rikorrenta li jidher li kellha mezz iktar disponibbli biex tqabbad lill-Awtorita' ma' Joseph Felice ma ghamlitx hekk ftit hin qabel biex issalva l-post? Jew riedu illi l-istess post jitwaqqa' halli jittentaw li jerga' jinbena taht l-artikolu 873(4) tal-Kap12? Jissemma' finalment illi l-Awtorita' kompliet twaqqa' nonostante li kien hemm rikors tar-rikorrenta l-Qorti Kostituzzjonali li sar kontestwalment mat-tielet rikors ghal hrug tal-manat (kif jissemma' fl-istess rikors tal-mandat). L-Awtorita' fil-fatt giet notifikata b'rikors wiehed kostituzzjonali dik in-nhar tat-tielet rikors ghal mandat. Pero' dan kien qed jirreferi mhux ghar-rikors tar-rikorrenta fuq l-ilmenti godda li gabet izda fuq ir-rikors li kien ghamel fit-tieni mandat zewgha li kien michud mill-Qorti nonostante li l-istess Qorti kienet konsapevoli ta' dan ir-rikors. Wiehed jistaqsi jekk verament kien hemm rikors iehor tar-rikorrenti jew jekk din kienet mizindikazzjoni ohra lill-Onorabbli Qorti;

Illi l-Awtorita' bl-ebda mod ma kisret l-Att I tal-1992 stante li Edward Zahra ghadu obbligat bil-ligi li jirripristina l-fond fl-istat originali tieghu. L-Awtorita' giet imwaqqfa mill-istess Edward zahra li taghmel dan a spejjez ta' l-istess Edward Zahra;

Ghalhekk l-Awtorita' intimata talbet illi mill-fatti esposti, li kull impjegat ta' l-Awtorita' lest li jahilfu bil-gurament, kif ukol mill-fatti oggettivament f'idejh il-Qorti - partikolarment in-nuqqas ta' notifika, fuq is-sit mill-marixxal, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-ewwel talba tar-rikorrent, kif ukoll it-tieni talba fejn qed jintalab lil din l-Onorabbli Qorti li tordna lill-Awtorita ta' l-Ippjanar terga' ittella' l-istess bini illegali f'Ta' Vnezja barra l-limiti ta' zvilupp u din fuq il-pretensjoni li l-Awtorita' ma obdietx l-ordni tal-Qorti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenta u b'rizerva ghall-azzjonijiet kollha kontra l-istess rikorrenta u zewgha spettanti lill-Awtorita';

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti u x-xhieda minnha prodotti kif ukoll ix-xhieda prodotti mill-Awtorita' intimata;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2000;

Fir-rikors promotur ir-rikorrenti ghamlet referenza ghat-talba taghha tat-23 ta' Marzu 1998 mghamula fil-konfront tal-Awtorita' intimata ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. It-talba kienet fis-sens li l-istess Awtorita' tigi inibita milli twaqqa' jew tiddemolixxi kwalsiasi zvilupp, proprjeta' tar-rikorrenti, li jista' jinsab fuq is-sit, proprjeta' tal-istess rikorrenti u ta' zewgha Edward Zahra, li tinsab fil-limiti tal-Mosta, fil-kontrada "Ta' Venzja" sive "Tac-Cimiterju tal-Inglizi", denominata bhala "L-Ghalqa tas-Saghat". Jirrizulta li dak in-nhar stess din it-talba giet akkolta provisorjament b'riserva li jinghata digriet definittiv fi stadju ulterjuri;

Ir-rikorrenti tallega li nonostante li l-imsemmi digriet tat-23 ta' Marzu 1998 gie notifikat lill-Awtorita' intimata, l-istess Awtorita' xorta wahda pprocedit biex tiddemolixxi l-ambjenti kollha esistenti fis-sit in kwestjoni. Ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob fl-ewwel lok li, a tenur tal-artikolu 1003A tal-Kap 12, jigi ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jibda l-procedimenti kollha necessarji u opportuni kontra l-Awtorita' intimata ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Fit-tieni lok ir-rikorrenti qed titlob li, a tenur tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12, l-istess Awtorita' intimata tigi kkundannata tirrimedja ghal dak kollu li sar mill-istess Awtorita' intimata bi ksur tal-ordni ta' dina l-Qorti tat-23 ta' Marzu 1998;

Mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti cirkostanzi li huma rilevanti :-

(1) L-Awtorita' intimata giet notifikata bil-mandat in kwestjoni fl-24 ta' Marzu 1998 bejn is-7.15 am u s-7.30 am. F'dan ir-rigward il-Marixxal tal-Qorti kkonferma li huwa wasal fl-ufficini tal-Awtorita' intimata ghall-habta tas-7.15 a.m. u sab biss xi messaggiera. Huwa ha l-isem ta tnejn minn dawn il-messaggiera u spjegalhom li l-atti in kwestjoni kienu ta' natura urgenti. Susswegwentement il-Marixxal halla l-kopja tal-mandat fuq l-iskrivanija ta' impjegata partikolari tal-Awtorita' intimata, liema impjegata solitament tircievi l-atti tal-Qorti u liema impjegata ukoll pero' ma kienitx ghadha dahlet ghax-xoghol.

(2) Ghal finijiet tan-notifika kien bizzejjed li din isir fl-ufficini tal-Awtorita intimata. Ma kienx hemm ghalfejn li n-notifika ssir ukoll fis-sit in kwestjoni cioe fejn kienet ser issir id-demolizzjoni. Una volta li saret in-notifika fl-ufficji tal-Awtorita' intimata kien id-dmir tal-istess Awtorita li tobdi l-ordni tal-Qorti u tassigura li l-istess ordni tigi esegwita;

(3) Ufficjali u impjegati tal-Awtorita' intimata, flimkien ma xi membri tal-Korp tal-Pulizija, marru fuq is-sit in kwestjoni appuntu fl'ghodwa tal-istess jum cioe tal-24 ta' Marzu 1988 sabiex ikomplu jiddemolixxu l-ambjenti esistenti fuq l-istess sit skond ordni legittima tal-awtoritajiet kompetenti. Huma wasslu fuq is-sit ghall-habta tas-7.00 ta' filghodu;

(4) Hemmhekk Joseph Felice, l-ufficjal tal-Awtorita' intimata inkarigat mid-demolizzjoni, sab lir-ragel tar-rikorrenti li qallu li kienet saret talba sabiex ikun hemm ordni tal-Qorti biex ma ssirx id-demolizzjoni u wrih dokument li kien jidher li hu kopja ta' mandat ta' inibizzjoni;

(5) Ghall-habta tas-7.15 am Joseph Felice ikkomunika mal-konsulent legali tal-Awtorita' intimata li informa lill-Felice li d-dokument kien jidher li kien kopja ta' rikors b'talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni pero minnghajr ma kien hemm d-digriet relattiv tal-Qorti. Ghalhekk Felice gie mghoti struzzjonijiet biex jibqa ghaddej bid-demilizzjoni. Il-konsulent legali tal-Awtorita' intimata wissa ukoll lill Felice li huwa kellu jieqaf mid-demolizzjoni jekk jigi notifikat b'xi kopja ta' mandat ta' inibizzjoni jew jekk jigi nfurmat mill-Awtorita' intimata li hi kienet gie notifikata b'xi mandat simili;

(6) Sussegwentement u cioe ghal habta tat-8.25 am Joseph Felice gie infurmat mill-Awtorita' intimata li din kienet giet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni li kien gie akkolt provizorjament u ghalhekk huwa kellu jieqaf immedjatament mix-xoghol ta' demolizzjoni. Dak il-hin il-maggior parti tax-xoghol ta' demolizzjoni kien lehaq sar. Felice pero' minnufih waqqaf ix-xoghol ta' demolizzjoni;

(7) Il-konsulent legali tal-Awtorita' intimata wara li kellem lill Felice ikkomumika mal-ufficju tieghu fl-Awtorita' u gie infurmat li ma kien gie notifikat ebda mandat ta' inibizzjoni ghar-rigward tas-sit in kwestjoni. Xi kwarta wara l-istess konsulent legali gie informat li effettivament l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni kien gie notifikat fl-ufficji tal-Awtorita' intimata. Minnufih il-konsulent legali tal-Awtorita' intimata ta' istruzzjonijiet sabiex Felice jigi infurmat immedjatament biex jieqaf mix-xoghol ta' demolizzjoni. Xi impjegati ttantaw jaqbu lill-Felice pero' ma rnexxilhomx;

(8) Jirrizulta li l-ufficju lagali tal-Awtorita' intimata ghamel dak kollu possibli biex jigi verifikat jekk kienx gie notifikat il-mandat lill-istess Awtorita' intimata;

(9) Ir-ragel tar-rikorrenti isostni li d-dokument li huwa wera lill-Felice kien fih ukoll id-digriet relattiv tal-Qorti. Din ic-cirkostanza pero ma tirrizultax sufficjentement pruvata. Jista jkun li l-imsemmi ragel tar-rikorrenti kien fil-pussess ta' kopja tal-mandat bid-digriet. Dan ma jfissirx pero li hu zgur li d-dokument li gie muri lill Felice kien fih ukoll id-digriet tal-Qorti. Ir-ragel tar-rikorrenti seta bi zball ha mieghu dik l-ghodwa in kwestjoni kopja tar-rikors minnghajr id-digriet relattiv. Inoltre r-ragel tar-rikorrenti mhux konsistenti f'dak li qal u mhux ghal kollox affidabbli. Ghall-ewwel huwa jghid li Felice qal li ma kienx jimpurtah mill-ordnijiet tal-Qorti u sussegwentement huwa jsostni li ftiehem mal-istess Felice li x-xoghol ta' demolizzjoni ma kellux jibda sakhemm huwa jirritorna fuq is-sit. Dawn l-affermazzjoni huma kontradittorji;

In vista ta dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu akkolti. Ma jirrizultax li l-Awtorita' intimata b'xi mod kienet negligenti jew traskurata wara li gie lilha notifaikat id-digriet tal-Qorti in kwestjoni. In effett jirrizulta li ufficjali tal-istess Awtorita' intimata segwew il-prattika tal-Awtorita' intimata fil-kaz ta notifiki ta' atti tal-Qorti, liema prattika tidher li hi ragjonevoli. L-istess ufficjali ghamlu dak kollu possibli sabiex l-ufficjal li kien inkarigat mid-demolizzjoni jigi nfurmat. Jirrizulta ukoll li malli tali ufficjal gie hekk infurmat huwa minnufih waqqaf ix-xoghol ta' demolizzjoni;

Ghal dawn il-ragunijiet kollha :

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rokorrenti;

In vista tac-cirkostanzi specjali l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.